MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

## MAGISTRAT DR.
## JACQUELINE PADOVANI

Seduta tat-30 ta' Mejju, 2006

Numru. 235/2003

PULIZIJA
SPETTUR NEVILLE XUEREB
VS
EMANUEL XERRI
LAWRENCE MUSCAT

Il-Qorti,

Rat l-imputazzjonijiet migjuba kontra l-imputat Emanuel Xerri, ta' 37 sena, bin Carmelo u Nina nee' Pace, imwieled Pieta' fid-9 ta' Novembru 1965, u residenti 12, Rigu Street, B'Kara, u lil Lawrence Muscat, ta' 32 sena, bin John u Connie nee' Montebello, imwieled Sliema fl-14 ta' Marzu 1970 u residenti 37, Hopwood Lodge, Triq l-Gherien, Mosta, u akkuzati talli fil-15 ta' Jannar 2003, ghal habta tad-disgha ta' filghaxija, bhala persuni li nizlu l-art jew imbarkaw f'Malta, naqsu li jkollhom passaport u jaghtu lill-Ufficjal Principal ital-Immigrazzjoni l-informazzjoni preskritta u dik l-informazzjoni l-ohra kif l-Ufficjal Principali

tal-Immigrazzjoni jidhirlu xieraq li jehtieg, u dan bi ksur tal-Artiklu 28 tal-Kap 217 tal-Ligijiet ta' Malta.

Lil Emanuel Xerri wahdu, akkuzat ukoll fuq talba tal-Kontrollur tad-Dwana, talli fl-istess data u cirkostanzi, bhala Kaptan u/jew il-persuna nkarigata mill-'Powerboat' Kristina, hareg minn dawn il-gzejjer bil-'powerboat' fuq imsemmija, minghajr ma avza' lill-awtoritajiet koncernati, u dan bi ksur tal-Artikli 52 u 57 tal-Ordinanza tad-Dwana, Kap 37 tal-Ligijiet ta' Malta.

Il-Qorti kienet mitluba sabiex fil-kaz ta' sejbien ta' htija, tordna l-konfiska tal-'powerboat' Kristina li serviet jew li kien mahsub li sservi sabiex isir dan id-delitt, liema 'powerboat' giet esebita f'dawn il-proceduri.

Semghet ix-xhieda bil-gurament.

Rat l-Artikli elenkati mill-Avukat Generali, taht liema Artikli din il-Qorti tista' ssib htija fl-imputati.

Rat il-verbal tal-imputati tal-20 t'April 2004, fejn huma ma kellhomx oggezzjoni li jigu gudikati minn din il-Qorti.

Semghet it-trattazzjoni tal-partijiet.

Ikkunsidrat:-

Spettur Neville Xuereb, l-Ufficjal Prosekutur, esebixxa formalment 'powerboat' bl-isem Kristina, imnizzla bhala l-esebit NX, u l-'letter to prosecute' mill-Ufficjal tad-Dwana, li giet esebita bhala NX1 u NX2. Gew esebiti wkoll zewg ritratti tal-istess 'powerboat' NX3 u NX4. L-Ufficjal Prosekutur xehed, a fol 7 sa 10, illi l-Pulizija kienet giet infurmata mill-Forzi Armati fil-15 ta' Jannar 2003, waqt li kienu qed jaghmlu 'routine patrol' li kienu intercettaw 'speed boat' u segwew din l-'speed boat' pero' tilfuha meta kienu diga' barra mill-ibhra territorjali ta' Malta. Sussegwentement, din l-'speed boat' regghet dahlet fl-ibhra territorjali ta' Malta, u din l-istess 'power boat' regghu ntercettawha u dahhluha fil-kwartieri ta' Hay

Wharf. Abbord din il-‘power boat’ kien hemm Emanuel Xerri u Lawrence Muscat.

Iz-zewg imputati rrilaxxaw stqarrija wara li nghataw is-solita twissija, Joseph Xerri, fl-istqarrija tieghu dokument NX5 a fol 14 et seq, ghazel li ma jirrispondi ghal l-ebda domanda li saritlu, hlief ghal l-ahhar wahda, waqt illi fl-istqarrija tieghu, Lawrence Muscat (ara NX6 a fol 16 et seq), stqarr illi l-‘boat’ zviluppatilha xi hsara, u ghaldaqstant, l-imputati kienu cemplu lil hu l-imputat Emanuel Xerri, u cioe’ Joseph Xerri, ghall-ghajjut. Huwa gie ma’ certu Jesmond Vella fuq ‘boat’ ohra li jisimha Habibi.

In kontro ezami, l-Ispettur Xuereb xehed illi ma kienx jaf jekk kemm-il darba l-‘boat’ Kristina kellhiex xi hsara, izda qal illi meta tal-AFM segwew din il-‘boat’, din il-‘boat’ harget oltre l-ibhra ta’ Malta.

Lawrence Muscat, fl-istqarrija tieghu dokument NX6 a fol 16 u 17, innega illi hu kien ghamel vjegg b’xi barranin minn Malta ghal Sqallija b’din l-istess ‘power boat’, anzi qal illi huwa qatt ma mar Sqallija, la bil-‘power boat’ Kristina u lanqas bil-Habibi. Stqarr ukoll, a fol 17, illi ma jafx jekk kemm-il darba l-‘power boat’ Kristina hix mghammra bl-‘equipment VHF jew GTS.

Joseph Borg, a fol 19, ikkonferma l-‘letters to prosecute’ tal-Control Room tad-Dwana, NX1 u NX2.

PC 1509 John Darmanin, stazzjonat is-Seaport, xehed illi fil-15 ta’ Jannar huwa kien ‘night watch’ is-Seaport, ikkonferma li bejn il-lejl tal-14 u l-15 ta’ Jannar 2003, ebda dghajsa bl-isem Kristina ma talbet ‘clearance’. Ikkonferma wkoll illi huwa ccekja l-‘clearances’ li setghu saru fil-Yacht Marina wkoll (ara xhieda a fol 21 u 22).

Joseph D’Amato, a fol 23-24, Fizzjal tad-Dwana, stazzjonat il-Yacht Marina, ikkonferma li l-ebda ‘clearance’ ma saret dwar xi ‘speed boat’ bl-isem Kristina, fil-lejl indikat, biex tohrog mill-ibhra territorjali ta’ Malta.

Il-Maggur Cauchi Inglott, a fol 32 et seq, xehed illi huwa kien inkarigat mill-operazzjonijiet fuq il-bahar fil-gurnata tal-15 ta’ Jannar ghal habta tas-sitta. Xehed illi huwa kien fuq il-‘patrol boat’ E-51, u kien hemm ukoll ‘power boat’ b’erba’ min-nies fuqha tal-AFM, u bdew jinvestigaw vapuri u bcejjec tal-bahar fl-‘area’ tal-Mellieha. Fis-sebgha u erbgha u ghoxrin minuta ltaqghu mal-‘power boat’ tal-AFM, u ghal habta tat-tmienja u nofs, innutaw ‘contact’ fuq ir-‘radio’ taghhom li kienet qed tipprocedi fid-direzzjoni lejn Sqallija (ara fol 33). Dak il-hin, il-Maggur kien qieghed erba’ mili ‘l fuq mill-Ahrax tal-Mellieha. Il-Maggur Inglott ikkonferma li din il-‘boat’ suspettata kienet qed taghmel velocita’ qawwija hafna, cioe’ ‘l fuq minn erbghin ‘knot’ fis-siegha.

Illi ghalhekk huwa nforma lill-‘power boat’ tal-AFM, u tah din l-informazzjoni. Il-Maggur Inglott jghid testwalment hekk:

**‘Iddirigejt il-‘power boat’ f’pozizzjoni fejn eventwalment it-‘target’ li kien hiereg mill-Mellieha jew mid-direzzjoni tal-Mellieha, jigu ‘intercepted’. Fid-disgha u hames minuti filfatt kien hemm ‘visual contact’ bejn il-‘power boat’ tieghi u dan li kien hireg.**
**Dan beda jiccesja dan il-‘power boat’ lejn Sqallija, dment li kien vicin tieghu kienu xi erbghin metru minnu, imbaghad tefa’ ‘search light’ fuqu, xeghel is-sereni tal-Pulizija, u talbu biex jieqaf. Jien kont ghadni qed insegwihom fuq ir-‘radar’ dak il-hin. <u>Dan il-‘power boat’ ma waqafx, u beda jaghmel ‘criss-cross manouvers’ biex il-‘power boat’ tal-AFM, bl-iskossi tal-mewg tieqaf.</u>’**

Fid-disgha u ghaxra, il-‘power boat’ tal-AFM kompliet issegwi lil din is-‘suspect power boat’ lejn Sqallija, izda il-Maggur Inglott kien tilifhom fuq ir-‘radar’ tieghu izda baqa’ ‘in radio contact’ (ara fol 33 u 34). Meta s-‘suspect power boat’ kienet ’33 Northern kilomiles’ minn Ghawdex, il-‘power boat’ tal-AFM waqfet ticcesja s-‘suspect power boat’ il-ghaliex beda jidher id-dwal ta’ Sqallija fuq l-Orizzont u ghaldaqstant, id-‘driver’ tal-AFM ma setax ikompli isegwi l-‘power boat’. Nel frattemp, gew infurmati l-

‘operation centre’ Taljana biex ikomplu jsegwu huma lil din is-‘suspect power boat’ fl-ibhra taghhom.

Fil-hdax neqsin ghaxra, ircevew messagg minghand l-‘operation centre’ tal-AFM, fis-sens illi l-Awtoritajiet Taljani kienu qed isegwu ‘power boat’ lura minn Sqallija ghal Malta. Il-‘power boat’ tal-AFM regghet bdiet issegwi s-‘suspect power boat’ lejn Ghawdex ghal Qala Point, u gew ordnati wkoll ‘helicopters’ biex isegwu l-‘pursuit’. Infatti, s-‘suspect power boat’ giet intercettata l-Armier.

A fol 35, il-Maggur Cauchi Inglott jghid is-segwenti:

**‘Hemmhekk pero’ ghamilna ‘interception’ mhux ta’ ‘power boat’ wiehed, zewg ‘power boats’ kien hemm, kien hemm ‘power boat’ griza u ‚power boat, iehor iswed u kellu ‘checked red patches’ fuq il-genb, li n-nies taghna kienu ghamlu ‘postive identification’ meta kien hiereg, jigifieri meta kien hiereg il-‘power boat’ tal-AFM meta tefghu s-‘search lights’ fuqu, raw d-deskrizzjoni tieghu, u kienet ‘black with red checks’ li kien l-istess wiehed bazikament. Imbaghad ghaddejna l-kaz ‘over’ lill-Pulizija.’**

Ir-rapport tal-Maggur Cauchi Inglott gie esebit u mmarkat bhala MC, waqt illi l-mappa tal-korsa li ghamlet il-‘patrol boat’ giet esebita bhala MC1. Mir-rapport dokument MC37, a fol 38, l-ahhar notament f’dan ir-rapport kien:

**‘The crew of the grey power boat both however stated that they proceeded to a position of Gozo in order to give fuel to the crew of the black power boat. They also said they launched the boat from Tal-Ghazzenin.’**

A fol 46, Etienne Scicluna, Fizzjal fil-Forzi Armati ta’ Malta, sezzjoni Marittima Patrol Boats, ikkonferma li fil-15 ta’ Jannar 2003 huwa kien qed jaghmel ezercizzju mal-‘patrol boat’ E-51 u fid-disgha neqsin ghoxrin, kienu gew ordnati biex jipprocedu fuq korsa lejn it-Tramuntana biex jivverifikaw ‘suspect boat’. A fol 47, il-fizzjal Scicluna jghid:

**‘Ghal habta tad-disgha u hamsa ahna rajna ‘speed boat’ hierga ‘l barra bla dawl u pruvajna nwaqqfuha. Xeghlna d-dawl, izda din x’hin rat id-dawl fuqha, flok waqfet, ziedet fl-‘speed’ u pruvat tahrab, u bdiet tipprova tbiddel il-korsa (hawnhekk ix-xhud beda jaghmel ‘a zig zag motion’ b’idejh).’**

Il-fizzjal ikkonferma illi meta huma gew vicin din is-‘suspect boat’ xeghlu s-serena, u minflok din is-‘suspect boat’ waqfet, kompliet bi ‘speed’ ghal barra. Ikkonferma illi tul dan il-‘hot pursuit’ kien hemm mumenti fejn il-‘patrol boat’ tal-AFM giet vicin hafna lejn din is-‘suspect power boat’, cioe’ xi erbghin metru boghod minn xulxin. Ikkonferma illi meta huma kienu xi tmienja u ghoxrin mil nawtiku minn Ghawdex lejn Sqallija, huma tilfu lis-‘suspect power boat’. Il-fizzjal Scicluna ta deskrizzjoni ta’ din is-‘suspect power boat’ **‘sewda u bil-kaxxi; wara ghandha stickers kaxxi …sewda u hamra.’** (ara fol 48), u kkonferma il-‘power boat’ indikata fir-ritratt NX3 u NX4.

Il-fizzjal Scicluna kkonferma illi wara ftit, regghu raw zewg ‘power boats’ gejjin minn Sqallija lejn Malta, u baqghu isegwuhom. Il-fizzjal Scicluna kkonferma, a fol 49, illi l-‘power boat’ tal-AFM qatt ma kienet vicina bizzejjed ghas-‘suspect power boat’ li seta’ jaghraf lid-‘driver’.

Darren Chetcuti, tal-Forzi Armati, a fol 50, ikkonferma x-xhieda tal-fizzjal Scicluna, ikkonferma li fil-‘hot pursuit’ huma xeghlu s-‘search light’ u s-serena, u li r-rejazzjoni tas-‘suspect power boat’ kienet:

**‘huma ziedu fl-‘speed’ u bdew jiswervjaw minn naha ghal ohra u ma baqghux fuq il-korsa d-dritta…biex ma nkunux nistghu nibqghu sejrin warajhom b’certu ‘speed’ ahna biex nilhquhom.’ (ara xhieda a fol 51).**

Is-‘suspect power boat’ kienet sewda b’zewg muturi, b’faxx ahmar qisu ‘checkers’ ahmar u iswed, u kkonferma l-identifikazzjoni tas-‘suspect power boat’ murija fir-ritratti NX3 u NX4 (ara fol 52).

Maggur Cauchi Inglott, a fol 53 et seq, ikkonferma u identifika lill-imputati bhala l-persuni li kienu qeghdin fuq il-'power boat' sewda bir-'red checks' fuqha, waqt illi hu l-imputat Xerri, imsejjah id-Deredin, kien qieghed fuq il-'power boat' l-ohra. Il-Maggur Cauchi Inglott ikkonferma illi huwa ntervista lill-persuni kollha, ikkonferma illi z-zewg imputati ma xtaqux jikkummentaw waqt illi d-Deredin kien qal illi kien qabad u hareg 'l barra minn San Pawl u ma resaqx lejn Sqallija.

Michael Savona, a fol 56, Malta Maritime Authority Executive, xehed illi d-dghajsa Kristina kienet registrata f'isem Emanuel Xerri fl-14 t'Ottubru 2000, u esebixxa t-'transcript of register' dokument MMA.

PS 63 Josef Farrugia kkonferma l-prezenza tieghu fl-'statements' NX5 u NX6 u gharaf lill-imputat Lawrence Muscat biss.

A fol 74, l-Ispettur Neville Xuereb esebixxa l-istqarrija ta' Emanuel Xerri l-imputat, dokument NX7. F'din l-istqarrija, Emanuel Xerri kkonferma illi ghandu dghajsa jisimha Kristina, zewg muturi 225 Mariner, u kkonferma li juzaha ghal divertiment. Fil-lejl indikat, ikkonferma illi **'hrigtha biex nipprova magna ghax wahda minnhom bil-hsara.'** Mitlub jghid ma' min kien, Xerri xehed illi ma jiftakarx; lanqas ma ftakar sa fejn waslu; ma ftakarx x'hin gralha hsara l-'boat', ma ftakarx kemm ghadda zmien sa kemm sabuhom tal-Forzi Armati, lanqas ftakar jekk f'xi hin kienu aktar minn zewg min-nies; ma jiftakarx meta gralu l-hsara fil-magna, u lanqas ma ftakar illi meta sabuhom tal-Forzi Armati kien hemm huh u xi hadd iehor maghhom. Jinnega illi hargu aktar 'l barra mill-ibhra territorjali ta' Malta ghax kellhom magna bil-hsara, u nnega illi wassal numru ta' barranin lejn Sqallija f'dak il-lejl; u nnega illi ghamel kuntatt ma' xi hadd waqt illi kien fuq il-bahar. Ma ftakarx lil min cempel sabiex jitlob ghall-ghajnuna wara li l-mutur kien garrab il-hsara.

A fol 80, PC 63 Josef Farrugia kkonferma l-prezenza tieghu matul it-tehid tal-istqarrija dokument NX7 u gharaf lil Emanuel Xerri l-imputat.

A fol 83, Philip Galea Souchet esebixxa dokument GS, stima tal-'boat' Kristina f'ammont ta' tmint elef Lira Maltin (Lm8000).

Joe Xerri, a fol 86, ghazel li ma jixhidx.

A fol 87, Jesmond Vella, xehed illi kien mar flimkien ma' Joe Xerri l-Armier, **'morna nsibu wiehed l-Armier ghax kellu xi hsara'**, u li x'hin waslu ezatt, gew il-'helicopter', il-Pulizija u 'dinghys'. Jesmond Vella jghid testwalment hekk:

**'Kont qieghed hemm isfel San Pawl l-Ghazzenin u kont niezel bil-kelb u qalli 'ejja ghinni ghax hawn wiehed l-Armier biex intuh naqra ghajnuna ghax nahseb ghandu xi hsara'. (ara fol 88)**.

Ghaldaqstant huwa rikeb u mar l-Armier, u hemmhekk sab lil **'Leli fuq il-mazra qed jilghab mad-dghajsa.'** (ara fol 88). Jesmond Vella kkonferma d-dghajsa murija f'ritratti NX3 u NX4. Ikkonferma wkoll illi z-zewg imputati kienu qeghdin fuq din id-dghajsa, pero' qal li ma jaf xejn dwar fejn kienu marru u x'kien inqalghalhom. Jesmond Vella kkonferma illi hu ma jifhem xejn fil-magni jew bcejjec tal-bahar, u li wara ftit, kienu gew il-'helicopters' u l-Pulizija, ghamlulu l-'machine gun' ma' rasu u qalulu biex jinzel minn fuq id-dghajsa, arrestawh u hadulu t-'telephone'. Xehed illi d-dghajsa tal-imputati mbaghad giet irmunkata u migbuda mill-'patrol boat'.

A fol 92, Jesmond Vella kkonferma illi huwa haseb illi gie mistoqsi biex jakkumpanja lil Joe Xerri sabiex izommlu xi haga jew itih daqqa t'id ghaliex hu ma jifhem xejn fil-magni.

L-imputati ghazlu li ma jixhdux, u ma kellhom ebda prova xi jressqu.

Ikkunsidrat:

Fit-trattazzjoni, id-Difiza (ara fol 103), wara li nghalqu l-provi kollha, qajjmet eccezzjoni dwar kunjom ta’ Emanuel Xerri fis-sens illi wara d-debita korrezzjoni, il-kunjom ta’ Xerri tnizzel korrettement XERRI, izda li fil-‘letter to prosecute’, kunjom l-imputat Xerri baqa’ jidher SCERRI. Id-Difiza sostniet li ghaldaqstant il-Pulizija ma tista’ qatt tipprosegwi dan il-kaz.

In oltre, id-Difiza tilmenta illi l-Prosekuzzjoni ma ppruvatx x’inhuma t-‘territorial limits’ ta’ Malta sabiex taqdi l-obbligu taghha u tressaq l-aqwa prova. Id-Difiza wkoll qalet fit-trattazzjoni illi l-imputat Xerri kien ghazel illi ma jixhidx u li fl-‘statement’ tieghu, a fol 14, ghazel illi ma jwegibx ghall-ebda domanda illi saritlu, u ghaldaqstant, m’hemmx provi bizzejjed kontra tieghu. In oltre m’hemmx kaz illi ssir konfiska tal-‘power boat’.

Id-Difiza lmentat in oltre, illi mkien fil-process ma saret referenza ghall-‘identity card’ tal-imputat Emanuel Xerri hlief fl-‘statement’ tieghu, u ghaldaqstant **‘il-proceduri kollha huma nulli mill-bidu sal-ahhar fil-konfront tieghu.’**

Fil-konfront tal-imputat Lawrence Muscat, id-Difiza sostniet illi element essenzjali tar-reat dedott kontra l-imputat Muscat kien id-distanza tal-ibhra territorjali ta’ Malta u li dan ma giex ippruvat. In oltre, id-Difiza sostniet illi l-Prosekuzzjoni kellha diffikulta’ fl-identifikazzjoni tad-dghajjes involuti f’dan il-kaz, apparti li l-imputat Muscat kien biss passiggier fuq din id-dghajsa, u ghaldaqstant, il-Prosekuzzjoni naqset illi tipprova l-element intenzjonali tal-istess imputat Muscat.

Ikkunsidrat:

Il-Qorti rat u ezaminat ic-citazzjoni li fiha hemm korrezzjoni ghar-rigward tal-kunjom ta’ Emanuel Xerri. Infatti, giet moqrija kif korretta bil-gurament mill-Ufficjal Prosekutur, li ghal kull bon fini, esebixxa dokument NX2, citazzjoni kif korretta.  L-Ufficjal Prosekutur imbaghad esebixxa l-‘letter to prosecute’ mid-Direttur Generali Desiglets John Mifsud tat-28 ta’ Frar 2003. Fl-istess

dokument NX1, il-Kummissarju tal-Pulizija gie mitlub jipprocedi kriminalment kontra Emanuel Scerri, ta’ 37 sena, bin Carmelo u Nina nee’ Pace, imwieled Pieta’ fid-9 ta’ Novembru 1965, u joqghod 12, Rigu Street, B’Kara.

Ikkunsidrat:

Illi minkejja l-kunjom Xerri gie spellut bl-SC, skorrettement, il-‘particulars’ kollha tal-imputat Xerri jaqblu perfettament ma’ dawk indikati fic-citazzjoni, kemm ghar-rigward tal-genituri, kemm ghar-rigward ta’ fejn kien imwieled, id-data tat-twelid, kif ukoll ghar-residenza tieghu. Illi in oltre, fl-istess ‘letter to prosecute’, Emanuel Xerri ndikat f’din l-ittra gie ndikat bhala kaptan jew persuna nkarigata mill-‘power boat’ Kristina. Illi minn dokument MMA tghajjat ukoll lill-imputat (ara fol 58).

Illi in oltre, wiehed ma jistax ma jinnutax illi l-fatt illi wiehed jista’ jispelli Xerri b’zewg manjieri differenti, b’daqshekk ma jinbidilx il-kunjom. Hawnhekk, non si tratta ta’ zball fejn il-Kontrollur tad-Dwana kiteb Borg meta ried ifisser Farrugia. Hawn si tratta tal-istess kunjom. Filfatt illi l-kunjom gie miktub b’mod divers, ma jfissirx illi din il-Qorti ghandha xi dubju dwar l-identita’ ta’ min il-Kontrollur tad-Dwana talab lill-Kummissarju tal-Pulizija biex jipprocedi. Certament, tali zball ma jsarrafx kif riedet tfisser id-Difiza fin-nullita’ tal-proceduri.

Ghar-rigward tat-tieni sottomissjoni tad-Difiza, irid jinghad illi l-istqarrija a fol 14, cioe’ NX5, hija stqarrija ta’ Joseph Xerri u mhux tal-imputat Emanuel Xerri, u kien Joseph Xerri illi ghazel li ma jwiegeb ghall-ebda domanda, u ghalhekk, dak illi ssottomettiet id-Difiza ma jregix. L-istqarrija ta’ Emanuel Xerri hija dik li tinstab esebita bhala dokument NX7 a fol 77-79.

Din il-Qorti bir-rispett kollu ma tistax tikkondividi ma’ dak sollevat mid-Difiza. Ghar-rigward il-kwistjoni tat-‘territorial waters’ ta’ Malta, u l-lanjanza da parti tad-Difiza illi l-Prosekuzzjoni naqset illi tipprova b’mod formali l-mizura tal-ibhra territorjali ta’ Malta. Dan qieghed jinghad il-ghaliex it-territorju ta’ Malta huwa stabbilit mill-ligi, u

ghaldaqstant, il-Prosekuzzjoni, li hija tenuta illi tressaq l-ahjar prova, tista’ tipprova biss affarijiet ta’ fatt u mhux ta’ ligi.

Infatti, l-Artiklu 3(1) tal-Kap 226 tal-Ligijiet ta’ Malta dwar Ibhra Territorjali u z-Zona Kontigwa jipprovdi:

*‘Hlief kif hawnhekk izjed ‘l quddiem provdut, l-ibhra territorjali ta’ Malta jkunu dawk il-partijiet kollha tal-bahar miftuh sa tnax-il mil nawtiku ‘l barra mill-kosta ta’ Malta mkejla mill-aktar post boghod safejn il-bahar jisfa’ ghal kollox fuq il-metodu ta’ linji bazi dritti migbudin bejn ponot xierqa.’*

F’dan il-kaz, il-Prosekuzzjoni, permezz tax-xhieda tal-Maggur Cauchi Inglott, tal-Fizzjali Etienne Scicluna u Darren Chetcuti, bir-ritratti u rapporti u pjanti minnhom esebiti, irnexxielhom jippruvaw illi ma nkiseb l-ebda ‘clearance’ da parti tal-‘power boat’ Kristina biex tohrog mit-‘territorial waters’ ta’ Malta. Illi minkejja dan, l-istess ‘power boat’ misjuqa mill-imputat Emanuel Xerri harget mill-ibhra territorjali ta’ Malta, u dan minkejja illi gew segwiti mill-‘power boat’ tal-AFM, minkejja s-‘search light’ fuqhom, u minkejja s-sereni tal-AFM, naqsu illi jieqfu u mhux biss hekk, talli ghamlu manuvri perikoluzi (‘zig zagging’) sabiex jippruvaw ixejnu l-‘hot pursuit’ li kien ghaddej.

Illi di piu’, bl-ghajnuna tal-‘operation centre’ Taljana, l-awtoritajiet Maltin irnexxielhom jergghu jsegwu l-‘power boat’ Kristina, fejn eventwalment din giet sekwestrata u l-imputati arrestati l-Armier.

Illi rinfaccati bi provi zgjaccanti ta’ sbarkar bla permess mill-awtoritajiet, b’ritratti u identifikazzjoni minn diversi ufficjali, l-imputati permezz tal-istqarriji taghhom, ma irnexxielhomx jxejnu l-ebda prova migjuba kontra taghhom.

Infatti, jekk wiehed jezamina l-istqarrija tal-imputat Emanuel Xerri (ara dokument NX7 a fol 77), wiehed jinnota li Xerri ma seta’ qatt jaghti ebda spjegazzjoni

valida ghall-agir tieghu u tal-ko akkuzat, u ghazel li jipprova jinheba permezz ta’ amnesija totali dwar kull materjal relevanti li dwarha gie mistoqsi.

Illi bl-istess mod, fl-istqarrija tieghu dokument NX6 a fol 16, l-imputat Lawrence Muscat ma irnexxilux jxejjen il-prova ta’ ‘continuous hot pursuit’ illi damet ‘l fuq minn kwarta, fejn il-‘power boat’ Kristina u l-‘power boat’ tal-AFM, kienu mexjin b’erbghin (40) ‘knots’ fis-siegha, bil-‘power boat’ Kristina sserrep b’mod perikoluz sabiex tevita’ u tahrab mill-awtoritajiet Maltin.

Il-Qorti mbaghad ghaddiet biex tezamina l-element intenzjonali mqanqal mid-Difiza fil-konfront tal-imputat Muscat ghar-rigward tal-akkuzi migjuba kontra tieghu.

Illi l-Qorti ma taqbilx ma’ dak sollevat mid-Difiza, rigward l-element intenzjonali u stante li l-akkuzi migjuba kontra l-imputati huma ‘formal offences’. Illi di piu’, din il-Qorti ma taqbilx ma’ dak sollevat mid-Difiza, ghal dak li jirrigwardja l-fatt illi l-imputat Lawrence Muscat kien biss passiggier f’dan il-‘boat’. Huwa evidentissimu illi l-imputat Muscat kien jaf ezattament x’qed jigri, kien jaf illi kienu qed jigu segwiti mill-ufficjali tal-AFM, u dan flimkien mal-imputat Xerri, naqas li jottempora ruhu mal-awtoritajiet.

Tajjeb li jinghad ili kien provvidenzjali li ma wegga’ hadd fil-manuvri drammatici li sehhew f’dan l-incident.

Illi ghal dawn il-motivi, din il-Qorti ssib lill-imputati hatja skond l-akkuza, u wara li rat l-Artikli 28 u 32 tal-Kap 217, l-Artikli 52 u 57 tal-Kap 37, 28A tal-Kap 9, tikkundanna lill-imputat Emanuel Xerri ghal tmintax-il xahar prigunerija sospizi ghal sentejn u multa ta’ elf Lira Maltin (Lm1000), u l-imputat Lawrence Muscat ghal sena prigunerija sospiza ghal sentejn u multa ta’ hames mitt Lira Maltin (Lm500), waqt illi tilqa’ t-talba tal-Prosekuzzjoni u tordna l-konfiska tal-‘power boat’ Kristina.

---------------------------------TMIEM---------------------------------